MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2003

Citazzjoni Numru. 1715/2001/1

**Maria Dolores sive Doris Scicluna**

**vs**

**Anthony Scicluna**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat l-att tac-citazzjoni a fol. 1 tal-process datata 29 ta' Ottubru 2001 li bih l-attrici premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni, ippremettiet:-

Illi l-kontendenti izzewgu fil-31 ta' Lulju 1977 minn liema zwieg twieldu tlett itfal, u cjoe` Odette, Marion u Alexandra, li ghandhom 23 sena, 19 il-sena, u 13 il-sena rispettivament; u

Illi l-konvenut irrenda ruhu hati lejn l-attrici ta' adulterju, eccessi, mohqrija, ingurji gravi u theddid u peress li l-hajja matrimonjali ta' bejniethom m'ghadhiex aktar possibli peress li z-zwieg tkisser irremidjabbilment; u

Illi l-attrici giet awtorizzata mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili sabiex tipprocedi ghal separazzjoni personali quddiem il-Qorti kompetenti permezz ta' digriet moghti fid-19 ta' Gunju 2001 u tixtieq titlob separazzjoni personali minn ma' zewgha l-konvenut; u

Talbet ghalhekk l-attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet premessi unikament imputabbli lill-konvenut;

2. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri Alexandra f'idejn l-attrici;

3. Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenut iddekada minn sehemu tal-komunjoni ta' l-akkwisti;

4. Ixxolji l-kommunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tassenja interament favur l-attrici.

5. Tapplika favur l-attrici in kwantu applikabbli ghaliha l-effetti ta' l-**artikoli 48 sa 53 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**.

6. Tiddikjara li l-konvenut iddekada mid-dritt ta' manteniment.

7. Tikkundanna lill-konvenut ihallas manteniment lill-attrici ghaliha u ghall-minuri Alexandra.

8. Tawtorizzaha lill-attrici tirriverti ghall kunjom xbubitha 'Muscat'.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attrici a fol. 3 tal-process u l-lista ta' xhieda a fol. 4 tal-process.

Rat in nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Anthony Scicluna a fol. 11 tal-process li permezz taghha eccepixxa:-

(1) Illi huwa jaqbel illi ghandha tigi ppronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti pero` mhux ghar-ragunijiet moghtija mill-attrici fic-citazzjoni taghha izda minhabba ragunijiet imputabbli lill-istess attrici, *ossia* abbandun u adulterju kommessi da parti taghha.

(2) Illi huwa jopponi ghat-tieni talba taghha *stante* illi l-minuri Alexandra ghandha tinghata fil-kura u kustodja ta' l-esponent.

(3) Illi huwa jopponi ghat-tielet talba *stante* illi kienet l-attrici illi tahti ghall-firda.

(4) Illi huwa ma jopponix ghax-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti purche` illi huwa jinghata sehemu mill-istess.

(5) Illi huwa jopponi ghall-hames talba *stante* illi l-artikoli citati ghandhom jigu applikati kontra l-attrici u mhux favuriha in kwantu hija tahti interament ghall-firda fiz-zwieg.

(6) Illi huwa ma jopponix ghas-sitt talba.

(7) Illi pero jopponi ghas-seba' talba dwar manteniment ghall-attrici *stante* illi huwa jinsab dizokkupat mentri l-attrici tahdem. Huwa lest jipprovdi ghat-tifla minuri meta din tigi fdata fil-kura u kustodja tieghu.

Salvi eccezjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut a fol. 12 u l-lista tax-xhieda a fol. 13 tal-process.

Rat il-kontrotalba tal-konvenut a fol. 14 fejn il-konvenut ippremetta:-

Illi l-kontendenti zzewgu fil-31 ta' Lulju 1977 minn liema zwieg twieldu tlett itfal li wahda biss *ossia* Alexandra ta' tlettax-il sena ghadha minuri.

Illi z-zwieg thassar irremedjabbilment u dan minhabba adulterju kommess da parti ta' l-attrici u minhabba illi qabdet u abbandunat id-dar matrimonjali u l-familja minghajr raguni valida.

Illi l-kontendenti gew awtorizzati mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili sabiex jipprocedu ghas-separazzjoni personali permezz ta' digriet tad-29 ta' Gunju 2001.

Talab ghalhekk l-konvenut lil din l-Qorti:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba ragunijiet imputabbli lill-attrici fosthom adulterju u abbandun.

2. Tafda l-kura u kustodja tal-minuri Alexandra f'idejn il-konvenut.

3. Tapplika kontra l-attrici s-sanzjonijiet kontemplati fil-ligi fosthom l-**artikoli 48 tal-Kap 16**.

4. Ixxolji l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tillikwida u taqsam l-istess f'zewg porzjonijiet li jigu assenjati wahda lil kull wiehed mill-partijiet, bl-applikazzjoni tas-sanzjonijiet mensjonati fit-tieni talba, okkorendo billi tinnomina periti nominandi.

5. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-att opportun tal-qasma u assenjazzjoni u Kuratur sabiex jirraprezenta l-kontumacja ta' l-attrici f'kaz ta' bzonn.

Bl-ispejjez u l-attrici ingunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 15 u 16.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta' Marzu 2002 u tas-6 ta' Gunju 2002.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-attrici rikonvenzjonata fejn eccepiet bir-rispett:-

1. Illi t-talbiet tal-konvent rikonvenzjonali ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess konvenut, *stante* li huma infondati fil-fatt u fid-dritt, *stante* illi kuntrarjament ghal dak allegat mill-konvenut rikonvenzjonali, l-esponenti telqet mid-dar matrimonjali peress illi l-konvenut rikonvenzjonali kien qed ikun vjolenti ma' l-esponenti.

2. Illi jsegwi ghalhekk, illi ghandhom jigu michuda t-talbiet riportati fil-kontrotalba tal-konvenut rikonvenzjonali.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-Ligi.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attrici rikonvenuta a fol. 21 tal-process.

Rat l-affidavit ta' l-attrici datat 13ta' Settembru 2002 esebit bhala Dok. "DS1" a fol. 24 tal-process, u ta' Maria Dolores Muscat bhala Dok. "DS2" a fol. 28 tal-process.

Rat ir-rikors ta' l-attrici datat 27 ta' Settembru 2002 fejn talbet li tinhatar *Social Worker* sabiex tirrelata dwar l-istat mentali tat-tifla minuri Alexandra.

Rat id-Digriet tal-Qorti datat 27 ta' Settembru 2002 fejn l-attrici inghatat direttivi ta' kif u meta ghandha tressaq il-provi taghha.

Rat l-affidavit tal-konvenut datat 2 ta' Ottubru 2002 a fol. 33 tal-process u dak ta' Aloisia Fava.

Rat in-nota ta' l-attrici tas-6 ta' Novembru 2002 fejn permezz taghha pprezentat l-affidavit ta' Antonia Camilleri.

Rat il-verbali tas-seduti tas-27 ta' Novembru 2003 fejn il-konvenut iddikjara li huwa dizokkupat u Dr. Graziella Bezzina talbet lill-Qorti sabiex tisma` lill-minuri; tal-5 ta'

Dicembru 2002 fejn il-Qorti ordnat lill-konvenut sabiex isegwi programm dwar l-abbuz mill-alkohol; tat-18 ta' Frar 2003 fejn il-konvenut iddikjara li m'ghandux bzonn isegwi l-programm; il-kura u l-kustodja tat-tfal inghatat lill-attrici bi dritt ta' access ghall-konvenut; ta' l-1 ta' April 2003 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Novembru 2003.

Rat id-digriet taghha tat-28 ta' Mejju 2003 konsegwenti ghar-rikors tal-attrici datat 28 ta' Mejju 2003, u *in vista* ta' l-istess tordna li tizdied it-tmien talba attrici ennumerat (8) fejn jizdied il-kliem *"Tawtorizza lill-attrici sabiex tirriverti ghall kunjom xbubitha 'Muscat".*

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### i) PROVI PRODOTTI.

Illi l-**attrici** xehdet rigward diversi aspetti tal-hajja konjugali taghha permezz ta' affidavit a fol. 24 *et sequitur* tal-process kif ukoll resqet ix-xhieda ta' ommha permezz ta' affidavit a fol. 28 sa 29 tal-process li ghamlet zmien tghix bil-familja taghha maghha:

**Mohqrija:** L-attrici xehdet li "*Il-problemi fiz-zwieg taghna bdew madwar xahrejn wara li zzewigna. Ir-ragel tieghi beda` jixrob hafna, u dan kien fil-perjodu meta beda jitla` ta' spiss l-Ingliterra. F'dan il-perjodu, ir-ragel tieghi kien isawwatni b'mod regolari.*" Hija qatt ma ghamlet rapport l-ghassa tal-Pulizija u lanqas qatt ma ghamlet rapport mediku peress illi kienet tibza` minn zewgha.

Ili qalet ukoll li din il-vjolenza kienet wahda regolari peress illi hija ikkumentat li dawn bdew madwar xahrejn wara li kienu zzewgu u wara erba' (4) snin hija hasset li kellha tibda taghmel rapporti lill-Pulizija. Jidher illi qatt ma ttiehdu passi mill-Pulizija.

Illi l-attrici ghamlet referenza ghall-okkazjonijiet fejn sfat imsawta minn zewgha u *inoltre* ikkumentat illi tali swat kien ikun motivat minn affarijiet zghar. Xehdet fis-sena 1981 hija kienet sfat msawta minn zewgha minhabba l-fatt illi hija kienet marret tghin lil kuginitha tnaddaf id-dar (a fol. 25 tal-process):-

"… *izda meta zewgi sar jaf illi kont ghintha, kien habat ghalija u refa' idejh fuqi, u dan kollu ghaliex deherlu illi l-kugina tieghi kellha reputazzjoni hazina mal-girien."*

Illi hija ghamlet ukoll referenza ghal incident iehor fejn sfat imsawta minn zewgha minhabba l-fatt illi kienet harget mal-mara ta' hu l-konvenut:
"*B'segwitu ta' din il-harga, spiccajt b'wicci minfuh u mbengel."*

Illi skond l-attrici r-raguni wara dan kollu kien li "*kif semmejt, zewgi ma kienx irid li nohrog mid-dar, u kont spiccajt priguniera fid-dar tieghi stess. Sabiex nohrog kien jaghzel hu ma min u meta stajt nohrog."*

Illi l-attrici xehdet li mhux hi biss kienet vittma tas-swat izda anke t-tlett itfal taghhom: "*Matul iz-zwieg taghna, jiena u t-tlett uliedi konna ngarbu swat regolari minn taht idejn zewgi." Inoltre* xehdet ukoll li anke ommha stess kienet vittma tal-vjolenza tieghu u dan meta hebb ghaliha b'sikkina. Dan il-fatt gie irrikonfermat minn omm l-attrici stess li fl-affidavit taghha *a fol.* 28 *et seq* tal-process xehdet:-

*"Illi dan wasal biex anke gholla idejh fuqi meta kienu jghixu mieghi. F'okkazjoni minnhom qasamli xufftejha u tefghali sikkina."*

Illi skond l-attrici l-konvenut kien ta' sikwit ikun taht l-influwenza tax-xorb. Dan il-fatt gie rikonfermat minn Antonia Camilleri a fol. 45 li xehdet kemm dwar l-istat inebrijanti tal-konvenut, "*Jien naf illi dan Anthony Scicluna kellu problema tax-xorb u dan nista' nghidu peress illi lil Ninu kont narah wara l-Bar, jixrob bla razan, tant illi kien ikun sakran.",* kif ukoll dwar il-karattru litiguz u vjolenti:

"*Dan Anthony ghal kull haga ta' xejn, jaqbad jiggieled u jilliatika ma' Doris, u dan fil-hanut stess quddiem in-nies. …Pero' mhux l-ewwel darba li cemplitli Doris u qaltli li wara li nkun tlaqt jien, ikun qabad jaghtiha. Fil-fatt jien darba rajtilha daqqa f'wiccha, bhal dbengila, u ghalkemm hi ma qaltli xejn x'kienet u ma kenetx, jien staqsejtha, u hi qaltli li kien refa' jdejh fuqha."* (a fol. 45).

**Theddid**: L-attrici xehdet illi hija kienet mhedda diversi drabi mir-ragel taghha u minhabba din is-sitwazzjoni kienet iddecidiet illi ssiefer lejn l-Ingilterra. Saret referenza wkoll ghat-theddid li kienet tircievi kemm hija u kif ukoll huha u familtu fil-perjodu meta kienet marret tghix l-Inilterra fir-residenza taghhom a fol. 26 tal-process xehdet:-

**"***Madanakollu, dan it-theddid rega` beda` meta mar lura lejn Malta; jien anke ghamilt rapporti lill-British Telecom u lill-Pulizija Ingliza dwar dan. Hija u l-familja tieghu gewwa l-Ingilterra kienu soggetti ghal hafna theddid minghand zewgi permezz tat-telephone. Kien hemm zmien illi hija kien anke qed jibza` ghal hajtu u s-sahha tieghu u tal-familja tieghu, u dan peress illi kien jaf illi zewgi jasal li jaghmel dak li jdahhal f'rasu."*

Illi **Maria Dolores Muscat**, omm l-attrici, xehdet li l-konvenut kien jhedded lit-tfal tieghu stess. Hija ghamlet referenza ghall-okkazjoni minnhom fejn il-konvenut kien "*pogga sikkina ma' ghonq Marion* (wahda mit-tfal tal-kontendenti)*, u heddida li jhanxarha, u dan ghax kien jghid illi kienu jzommu ma' ommhom."*

**Sevizzi:** L-attrici xehdet li f'Settembru ta' l-1994 il-konvenut kien fetah bar bil-flus li kien ircievha minghand ommu. Il-konvenut ma kienx jaghtih flus ghaliha u ghat-tfal taghhom. Hija xehdet a fol. 25 tal-process li:-

"*Madanakollu, zewgi baqa' bil-problema tax-xorb, u meta konna naghlqu l-Bar filghaxija kien jiehu l-flus kollha tal-gurnata, u kien jitlaq bihom u jmur jixrob f'post iehor ma shabu. Lanqas kien ihallili flus sabiex nixtri x'niekol ghaliha u ghat-tfal."*

**Ingurji Gravi:** L-attrici xehdet a fol. 25 tal-process *et seq* li zewgha kien jinvolviha f'attijiet sesswali minghajr il-kunsens taghha. Hija ghamlet referenza ghal tlett okkazjonijiet li graw fl-1999 u li dwarhom tiftakar b'certezza. Hija xehdet li zewgha kien jissoministrala sustanza li kienet titlifha minn sensiha u meta kienet tqum kienet "*… insib hjiel ta' attivita` sesswali bejni, zewgi u persuna ohra barranija li ma kontx inkun naf l-identita` taghha jew tieghu."* In fatti xehdet illi "*Jien dan nista nikkonfermah peress illi b'referenza ghall-ewwel incident, madwar erbat ijiem wara, kien avvicinani li kien kellu x'jaqsam mieghi minghajr ma kont naf u minghajr il-kunsens tieghi. Dan ikkonfermali illi kellu x'jaqsam mieghi sesswalment fil-presenza tar-ragel tieghi."* Xehdet ukoll a fol. 26 illi zewgha kellu cirku ta' prostituzzjoni u kien anke joffri lilha sabiex taghmel attivitajiet sesswali ma' persuni barranin.

**Adulterju:** L-attrici xehdet permezz ta' l-affidavit taghha li zewgha kellu l-vizzju li jinvolvi terza persuna fl-attivitajiet sesswali ta' bejnethom. Fix-xhieda taghha specfikat li din it-terza persuna kienet tkun kemm ta' sess maskili kif ukoll ta' sess femminili. A fol. 25 tal-process xehdet: "*…kont insib hjiel ta' attivita` sesswali bejni, zewgi u persuna ohra barranija li ma kontx inkun naf l-identita` taghha jew tieghu."*

Illi omm l-attrici xehdet (a fol. 29) li l-konvenut ghandu relazzjoni ma' terza persuna: "*Illi ghandi nghid illi dan Anthony Scicluna illum il-gurnata qed jghix ma mara' li jisimha Grace."*
**Abbandun:** L-attrici sostniet illi hija ppruvat titlaq ir-ragel taghha tlett (3) darbiet fis-sena 2000, izda ma tantx setghet taharbu. Ghalhekk kienet iddecidiet illi kellha titlaq minn Malta u in fatti hija kienet marret tabita ma' hutha gewwa l-Ingilterra. Hija ghexet gewwa l-Ingilterra bejn Settembru 2000 u April 2001.

Illi l-attrici sahqet ukoll dwar l-istat inebrijanti kostanti tal-konvenut.

Il-**konvenut** ressaq ix-xhieda tieghu permezz ta’ affidavit a fol. 33 *et seq* tal-process. Huwa cahad kategorikament dak kollu li l-attrici xehdet fil-konfront tieghu.

**Sevizzi**: Il-konvenut sostna li huwa qatt ma halla lill-familtu nieqsa mill-flus. Hu xehed a fol. 33 tal-process li: “*Mill-flus, il-mara ma kontx inhalliha nieqsa. Kienet normali li kont naghmel xirja ta’ xi sittin lira Maltin (Lm60) laham. Barra minn hekk minn barra kont ingib hafna cikkulata peress illi ta’ barra ma kenetx tidhol u anke hwejjeg.”* Hu xehed ukoll a fol. 35: “*Mill-flus qatt ma halljetha nieqsa anke meta kelli dan il-hanut. Fil-fatt f’dan iz-zmien kellha cheque book fuq isimha.”*

Illi l-konvenut ressaq ix-xhieda ta’ persuni ohra sabiex jirribatti l-allegazzjoni ta’ sevizzi. **Aloisia Fava**, oht il-konvenut xehdet permezz ta’ l-affidavit taghha a fol. 42 tal-process li huha dejjem kien jaghti l-paga lill-attrici: “*Niftakar illi hija kien ihalli l-paga tieghu ma’ martu pero ta’ sikwit, kienet tigi l-mara tieghu titlob il-flus minghand ommi u gieli anke minghandi ghax kienet tghid illi l-paga tar-ragel kienet spiccatilha. Imbaghad hija Anthony kien jigi minn barra u jhallas dak li tkun hadet il-mara.”*

**Adulterju:** Il-konvenut xehed li l-mara tieghu kellha relazzjoni adultera ma’ ragel iehor u li sar jaf b’dan ricentement minghand il-familjari tieghu. Huwa xehed li “*Illum sirt naf illi dak iz-zmien il-familja tieghi kienu qabdu lill-mara tieghi hierga ma’ ragel mizzewweg pero` biex ma jisfrattawlix il-familja ma kenux qaluli.”*

Illi ‘*noltre* in sostenn tat-tezi tieghu huwa xehed a fol. 37 li huwa cert li seba’ xhur qabel ma telqet l-attrici mid-dar hija kienet tohrog filghodu kmieni sabiex tmur tiltaqa’ ma John Bugeja. Di piu` esebixxa kopja ta’ rendikont tat-telefonati li saru mid-dar ta’ omm l-attrici fil-perijodu fejn kienu jghixu ghandha u mmarka t-telefonati li saru fuq numru li qed jallega li huwa ta’ John Bugeja. Il-konvenut xehed li huwa cert b’dan in-numru ghaliex John Bugeja kien jissuplixxih bil-gelati u kien huwa stess li jcempillu.

Illi Aloisia Fava ghamlet referenza ghal zewg okkazjonijiet fejn l-attrici ma kenetx fidila lejn zewgha. Hija sostniet li l-incident msemmi mill-attrici fejn kellha tohrog ma’ certa Jane Scicluna, l-ewwel nett ikkonfermat dak li xehed ir-ragel li kien sostna illi s-swat allegat mill-attrci ma kienx minnu ghaliex huwa kien msiefer. *Inoltre* Aloisia Fava xehdet li mhux veru li l-attrici kienet harget ma’ Jane Scicluna ghaliex din ta’ l-ahhar kienet marret ghand ommha sabiex tattendi ghal *barbeque*. L-attrici fil-fatt kienet ma’ ragel iehor: “*Wara sirt naf li membri ohra tal-familja rawha ma’ ragel iehor f’hanut li kien jismu “it-Tubu” Bugibba.”*

Illi l-istess xhud ghamlet referenza ghal okkazjoni ohra fejn xehdet li t-tfal taghha kienu raw lill-attrici titbewwes ma’ persuna ohra.

**Abbandun**: Skond il-konvenut martu abbandunat id-dar matrimonjali u l-familja taghha sabiex ikollha relazzjoni ma’ terza persuna jisimha John Bugeja, li kien klijent tal-konvenut meta dan ta’ l-ahhar kien jiggestixxi hanut tax-xorb. Hu wasal ghal din il-konkluzjoni a bazi tas-segwenti raguni: “*Dan kien jigi l-bar tieghi regolarment izda meta ghosfrot il-mara hu ma baqax jigi u sirt naf li harbu minn Malta t-tnejn flimkien.”* (a fol. 35). Huwa ghamel referenza ukoll ghall-kont pendenti ma’ agenzija tal-kiri tal-vetturi u sostna illi martu l-attrici kienet kriet vettura lil dan John Bugeja a spejjez taghha.

**Mohqrija:** Il-konvenut xehed li is-swat allegat mill-attrici huwa *inveritier* u li huwa qatt ma refa’ idejh la fuqha u lanqas fuq it-tfal. *Inoltre* rigward l-incident riferit mill-mara fejn gie allegat illi zewgha kien vjolenti maghha minhabba l-fatt li kienet marret tnaddaf ghand kuginitha, il-konvenut filwaqt li ammetta illi huwa ma kellux grazzja ma’ din il-mara ghaliex “*Kont inhoss li ser tisfrattali l-mara.”*(a fol. 34 tal-process) huwa xehed li: “*Pero mhux veru illi jien hebbejt ghal marti. Kellna biss argument bil-kliem.*”

Illi rigward l-incident l-iehor msemmi mill-mara a fol. 25 tal-process, senjatament meta hija kienet harget ma’ certa Jane Scicluna, il-konvenut sostna li dakinhar huwa kien

msiefer u li ghalhekk bl-ebda mod ma kien f'pozizzjoni li jilmenta mal-mara fuq dan.

**Theddid**: Il-konvenut cahad li huwa qatt hedded lill-martu jew lill-familjari taghha: "*Mhu veru xejn lanqas illi jien heddidt lill-familja taghha biex il-mara terga' tigi lura ghandi kif xehdet il-mara."* (a fol. 35 tal-process).

**ii) <u>PRINCIPJI LEGALI.</u>**

Illi bhala ragunijiet ghall-obbjettiv taghha li titlob il-firda personali l-attrici tadduci fil-konfront tal-konvenut zewgha l-adulterju, eccessi, mohqrija, ingurji gravi, theddid u li l-hajja matrimonjali m'ghadhiex aktar possibbli peress li z-zwieg tkisser irremidjabbilment. Il-konvenut in via rikonvenjenti adduca fil-konfront ta' martu adulterju u abbandun. Biex il-Qorti taccetta dawn ir-ragunijiet, jew kwalsiasi wahda minnhom, trid tara li dawn ikunu tali li jirrivestu l-azzjoni proposta u min jaghmilhom hu hati taghhom. Il-kwistjoni hi wahda ta' fatt imhollija fil-valutazzjoni ta' min irid jiggudika, izda meta jirrizultaw, ghandhom indubbjament jifformaw motiv ta' separazzjoni in kwantu jirrendu l-konvivenza komuni difficli jekk mhux impossibbli.

Illi '*noltre* il-Qorti tirrileva li kif inhu pacifiku "*perche` il coniuge offeso possa domandare la separazione contro il coniuge colpevole non e` necessario che concorrono gli eccessi, le sevizie, le minaccie, e le ingiurie gravi, ma qualunque di tale cause da sola basta, perche` sia tale da violare profondamente i riguardi della convivenza coniugale*" – **"Elisa Thompson vs Edward Thompson"** (Prim'Awla tal-Qorti Civili, 12 ta' Mejju 1925);

Illi l-Qorti ser tghaddi biex tezamina r-ragunijiet tal-kontendenti u tiggudika jekk dawn jimmeritawx li jigu milqugha.

- **<u>Mohqrija, eccessi, ingurji gravi, u theddid.</u>**

Illi l-attrici xehdet li l-konvenut kien vjolenti kemm fil-konfront taghha kif ukoll fil-konfront tat-tfal u ta' ommha. Il-

konvenut cahad dan. Il-Qorti tikkunsidra li l-karattru vjolenti tal-konvenut gie kkonfermat kemm minn omm l-attrici kif ukoll min xhud iehor, Antonia Camilleri, prodotta mill-istess attrici. F’din il-materja il-Qrati taghna ripetutament irritenew li:-

“*Il-ligi tqieghed bhala motivi li jiggustifikaw l-azzjoni l-episodji saljenti tal-hajja konjugali u mhux incidenti minuri”.*

Illi biex ikun hemm mohqrija jehtieg ikun hemm mhux xi att izolat ta' xi daqqa waqt xi tilwima imma l-persistenza f'certa mgieba hazina li turi li l-konjugi ma jistghux ikomplu jghixu flimkien.” (**“Mary Muscat vs Anthony Muscat” (**P.A. (PS) - 28 ta’ Frar 2003). Fil-kawza fl-ismijiet **“Marthese Vella vs George Vella”** (P.A. (PS) - Nru:2466/1996/PS - deciza 8 ta’ Frar 2003) din il-Qorti diversament presjeduta irriteniet li:-
*“Ghal dak li jirrigwarda theddid u vjolenzi l-ligi tikkontenta ruhha bil-persistenza f’certa mgieba hazina u mhux b’xi atti izolati waqt xi tilwima.”*

Illi l-Qorti thoss li mill-provi prodotti l-karattru litiguz u vjolenti tal-konvenut pjuttost konstantament irendi l-hajja konjugali mpossibli u din il-Qorti thoss li kien kawza ta’ l-istess li dan iz-zwieg tkisser irremedjabilment. Fil-fatt din il-Qorti hija konvinta mill-provi prodotti li l-konvenut assogetta lill-attrici ghal vjolenza domestika konstanti u dan anke minhabba li huwa kellu l-vizzju tax-xorb ukoll, u ghalhekk ma hemm l-ebda dubju f’ghajnejn din il-Qorti li l-istess konvenut huwa hati ta’ mohqrija, eccessi, ingurji gravi u thedded fil-konfront ta’ l-attrici, anke peress li l-Qorti thoss li l-versjoni ta’ l-attrici hija mhux biss ikkoroborata izda wkoll verosimili. F’dan il-kuntest jigi nnutat ukoll li l-istess konvenut, lanqas obda d-direttivi tal-Qorti f’dan ir-rigward tal-vizzju tieghu ta’ alkohol, u *nonostante* li kien ordnat sabiex jattendi programm sabiex jikkombatti dan il-vizzju huwa naqas li jaghmel dan.

Illi jinghad ukoll li l-konvenut waqaf milli jmantni lill-attrici u lill-uliedu ghal diversi snin, u hekk jidher li is-sitwazzjoni ghadha hekk sa llum anke ghaliex l-istess konvenut huwa

disokkupat, u ma jidhirx mill-provi li huwa ghamel xi tentattiv sabiex ghallinqas imantni lil uliedu, u f'dan il-kuntest u fic-cirkostanzi odjerni l-Qorti thoss li dan in-nuqqas ta' provediment mill-konvenut ghall-alimenti huwa tip ta' mohqrija fiha nnfisha, li f'dan il-kaz ilha hafna isehh.

**Adulterju:** L-adulterju minn dejjem gie meqjus bhala "*l-kawzali l-aktar gravi li ghaliha l-ligi tawtorizza s-separazzjoni personali*" (Vol. XXXVII Pt II p 693).

Illi l-Qorti tinnota illi kemm l-attrici kif ukoll il-konvenut rikonvenjenti allegaw illi l-parti l-ohra kienet hatja ta' adulterju. Madankollu l-attrici ma ressqet ebda prova skjaccanti izda biss allegazzjoni, liema allegazzjoni giet korroborata miniment minn ommha li semplicement sahhqet li konvenut kellu relazzjoni ma' terza persuna li jisimha Grace (a fol 29). Minn naha l-ohra l-konvenut allega li martu kienet telqet minn Malta sabiex tahrab ma' certu John Bugeja. In sostenn ta' dan huwa esebixxa dokumenti a fol 38 – 40 tal-process fejn immarka t-telefonati li saru fuq in-numru 9464953. Il-konvenut sostna li kellu konoxxenza li dan in-numru kien ta' John Bugeja *stante* li dan ta' l-ahhar kien jissuplixih bil-gelati u kien il-konvenut stess li jcempillu fuq dan in-numru meta kien ikollu bzonn xi merkanzija.

Illi l-Qorti ezaminat dawn id-dokumenti u tinnota li diversi telefonati saru fis-sighat bikrin ta' filghodu. *Inoltre* giet ikkunsidrata wkoll ix-xhieda ta' Aloisia Fava li xehdet dwar dan l-aspett.

Illi f'dan il-kuntest il-Qorti taghmel referenza ghal dak li nghad fis-sentenza **"Rose Gauci vs Salvatore Gauci"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Ottubru 2002 - Cit Nru:1365/1997/RCP - Deciza fl-1 ta' Ottubru 2002) li *in vista* tad-diffikolta` tal-prova ta' l-adulterju, l-adulterju jista' jigi ppruvat permezz ta' indizzi u cirkostanzi ohra li ma jhallu ebda dubju fil-gudikant. Fil-fatt inghad li:-

"… *l-artikolu 38 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jghid illi "Kull parti mizzewga tista' titlob il-firda minhabba l-adulterju tal-parti l-ohra". Illi kif tajjeb osservat din il-Qorti*

*fis-sentenza taghha tas-16 ta' April 1953 fil-kawza fl-ismijiet **"Rita Spiteri vs Avukat Dr. Albert V. Grech et noe".** (P.A. (C.C.) Kollez. XXXVII.II.693) l-adulterju "hija bla dubju l-kawza l-izjed gravi li ghaliha l-ligi tawtorizza s-separazzjoni personali; izda, stante d-diffikulta' tal-prova, kif turi l-assenza ta' dispozizzjoni legislattiva li tillimita din il-prova, huwa ormai pacifiku fid-dottrina u fil-gurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat per mezz ta' indizzji u prezunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, precizi u konkordanti, b'mod li ma jhallu ebda dubju f'min ghandu jiggudika".(* "**Rosina Micallef vs Angelo Micallef"** P.A. - 27 ta' Gunju 1964.)

Illi minkejja dan kollu din il-Qorti tirrileva li l-attrici naqset milli tressaq provi cari u kkoroborranti li jikkonfermaw l-adulterju min-naha tal-konvenut. Filwaqt li x-xhieda tal-konvenut ghalkemm hija pjuttost cara dwar it-telefonati li saru fis-sieghat bikrin ta' filghodu, hin mhux solitu fejn isiru telefonati, dawn lanqas ma jippruvaw li fil-grad tal-prova rikjesta mill-ligi li l-attrici kienet hatja ta' adulterju. Rigward ix-xhieda ta' Aloisia Fava, il-Qorti tinnota illi dwar l-incidenti msemmija dan jikkostitwixxu *detto del detto* u ghalhekk il-Qorti ma hix ser tistrieh fuqhom. Ghaldaqstant il-Qorti tikkunsidra illi l-adulterju ma giex ppruvat mill-kontendenti kontra xulxin.

**Abbandun:** L-**artikolu 41 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** jghid hekk:-

"*Kull wahda mill-partijiet mizzewga tista` wkoll titlob il-firda jekk, ghal sentejn jew izjed, tkun abbandunata mill-ohra, minghajr raguni tajba."*

Illi ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **"Josephine Anne Edwards vs Avukat Dr Joseph Xuereb noe"** (P.A. - 22 ta' Frar 1961) fejn din il-Qorti diversament presjeduta sostniet li:-

"*Biex jikkostitwixxi motiv ta' separazzjoni, l-abbandun irid ikun ingust fiz-zmien tieghu kollu ta' sentejn, u jekk l-abbandun fil-fatt ma jikkostitwix l-abbandun li trid il-ligi bhala motiv ta' separazzjoni, lanqas ma jista jigi inkwadrat*

*fil-figura ingurja gravi, ghax b'dan il-mod ikun qieghed jitqies bhala motiv ta' separazzjoni minghajr ir-rekwizit zmien li l-ligi tirrikjedi ghall-abbandun."*

Illi l-Qorti tinnota li z-zmien prefiss mill-ligi ma giex sodisfatt *stante* li l-attrici kienet nieqsa ghall-perijodu ta' anqas minn sentejn u dan apparti li kien hemm gustifikazzjoni ghaliex hija ttentat titlaq mid-dar konjugali u dan peress li kienet suggetta ghal vjolenza domestika *da parte* tal-konvenut, kif gie spjegat iktar 'il fuq u kif jirrizulta mix-xhieda ta' l-attrici fl-affidavit taghha, li ghalih din il-Qorti qed taghmel riferenza.

Illi fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti thoss li l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha u tiddikjara li hemm lok li tigi pronunzjata s-separazzjoni bejn il-partijiet ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut konsistenti f'eccessi, mohqrija, ingurji gravi u theddid *da parte* tal-konvenut fil-konfront ta' l-attrici b'dan li kawza ta' l-istess agir irresponsabbli tal-konvenut l-hajja matrimonjali ta' bejniethom ma ghadhiex aktar possibbli u z-zwieg tkisser irremedjabbilment.

**Kura u Kustodja**: Il-Qorti tinnota li kemm l-attrici kif ukoll il-konvenut ressqu t-talbiet taghhom sabiex jinghataw il-kura u l-kustodja ta' uliedhom minuri. F'dan il-kuntest din il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **"Jennifer Portelli pro et noe vs John Portelli"** deciza minn din il-Qorti fejn gie ritentut li:-

"*Il-kura tat-tfal komuni tal-mizzewgin, sew fil-ligi antika, sew fil-ligi vigenti, kif ukoll fil-gurisprudenza estera, u f'dik lokali, hija regolata mill-principju ta' l-aqwa utilita' u l-akbar vantagg ghall-interess ta' l-istess tfal li c-cirkustanzi tal-kaz u l-koefficjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuggerixxu. In konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enuncjata ghandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-mizzewgin, sew meta l-konjugi jisseparaw ruhhom gudizzjarjament, sew meta jigu biex jisseparaw konsenswalment."*

Illi l-kura u l-edukazzjoni tat-tfal, fil-kaz li l-mara ma tibqax tghix mar-ragel, trid dejjem tigi affidata lil dak, fost il-

mizzewgin li jigi rikonoxxut bhala aktar adatt u idoneju sabiex jikkurahom u jedukahom, tenut kont ta' l-eta` ta' l-istess tfal u c-cirkostanzi kollha tal-kaz taht dawk il-provvediment li jigu kkunsidrati ghall-vantagg ta' tali tfal. F’dan il-kuntest jidher ukoll li huwa relevanti wkoll dak li jhossu l-istess minuri, u f’dan il-kaz din il-Qorti kellha okkazzjoni li separatament tiltaqa’ ma’ l-istess minuri, li ghamlitha cara li kienet kuntenta fil-kura u kustodja ta’ ommha, u fil-fatt hekk dehret.

Illi apparti l-hsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li ghandhom setgha fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in generali, il-principju dominanti *'in subiecta materia'*, li jiddetermina normalment u generalment il-kwistjonijiet bhal din in konsiderazzjoni f'din il-kawza, huwa dak ta’ l-aktar utilita' u dak ta’ l-aqwa vantagg u nteress ta’ l-istess minuri fl-isfond tac-cirkostanzi personali u fattwali li jkunu jirrizultaw mill-provi tal-kaz li jrid jigi rizolut.

Illi fil-kuntest ta’ l-azzjoni odjerna, u wara li l-istess Qorti kellha l-opportunita’ li tiltaqa’ mal-minuri u tapprezza wkoll is-sentimenti taghha, thoss li huwa fl-interess suprem ta’ l-istess minuri li l-kura u l-kustodja ta’ l-istess tigi fdata f’idejn l-istess attrici, ma’ minn hija effettivament tghix; hawn issir riferenza wkoll ghall-verbal tas-seduta tal-5 ta’ Dicembru 2002 fejn l-minuri espremiet ix-xewqa taghha li jkollha access ghal missierha biss fil-gurnata tas-Sibt jew il-Hadd mit-3.00.p..m. sas-6.30.p.m. u l-Qorti f’dawn ic-cirkostanzi thoss li ghandha taghti aditu ghal din ix-xewqa ta’ l-istess minuri, b’dan pero’ li tali access jibda’ jsehh biss wara li l-istess konvenut jsegwi programm ghall-abbuz mill-alkohol ma’ wahda mill-Agenziji f’dan il-pajjiz u jinforma lill-Agenzija Appogg b’certifikat relattiv li l-istess konvenut aderixxa ruhhu ma’ l-istess u dan b’permezz ta’ komunikazzjoni bil-miktub hekk indirizzata lill-istess Agenzija.

Illi l-kunsiderazzjonijiet qed jittiehu minn din l-Qorti *stante* li mill-provi prodotti jirrizulta li l-konvenut kellu l-vizzju tax-xorb u ma jirrizultax mill-istess provi li l-istess konvenut gheleb jew ittenta jeghleb dan il-vizzju, u tali prova lanqas ingabet meta kienet hekk rikjesta mill-istess Qorti. Hawn

issir referenza wkoll ghall-verbal tas-seduta tal-5 ta' Dicembru 2002 fejn il-Qorti ordnat lill-konvenut isegwi program dwar abbuz mill-alkohol, u jidher li mill-atti proceswali l-konvenut ma ghamel xejn minn dan. A propositu c-certifikat esebit mill-konvenut m'huwiex dak rikjest mill-Qorti, apparti li bl-ebda mod ma gie kkonfermat bil-gurament.

**Komunjoni ta' l-akkwisti**: Il-Qorti taghmel referenza ghall-verbal tas-seduta datata 18 ta' Frar 2003 fejn id-difensuri qablu li l-komunjoni ta' l-akkwisti ma tistax tigi likwidata *stante* li ma hemm xejn x'jigi likwidat u diviz.

**Manteniment:** Illi din il-Qorti tiddikjara li l-attrici u l-minuri Alexandra ghandhom id-dritt li jigu mantnuti mill-istess konvenut, pero' jirrizulta li llum l-istess konvenut ma ghandux il-mezzi li jaghmel dan u ghalhekk ma hemm l-ebda ammont ta' manteniment x'jigi likwidat, pero' xorta wahda jibqa riservat id-dritt favur l-attrici u bintha li jressqu tali talba jekk ic-cirkostanzi jkunu tali li l-konvenut jkollu xi forma ta' introjtu.

**<u>III. KONKLUZJONIJIET.</u>**

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, **tilqa' t-talbiet attrici** biss fis-sens hawn deciz b'dan illi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet imputabbli lill-istess konvenut minhabba eccessi, mohqrija, ingurji gravi u theddid fil-konfront ta' l-attrici, u li kawza ta' l-istess il-hajja matrimonjali bejn il-kontendenti m'ghadhiex aktar possibbli u z-zwieg tkisser irremedjabbilment.

2. Tilqa' t-tieni talba u tafda l-kura u l-kustodja tat-tifla minuri Alexandra f'idejn l-attrici filwaqt li taghti access lill-konvenut ghall-istess minuri fil-gurnata ta' darba is-Sibt u darba il-Hadd alternattivament mit-3.00.p.m. sas-6.30.p.m. u l-Qorti f'dawn ic-cirkostanzi thoss li ghandha taghti aditu ghall din ix-xewqa ta' l-istess minuri, b'dan

pero' li tali access jibda' jsehh biss wara li l-istess konvenut isegwi programm ghall-abbuz mill-alkohol ma' wahda mill-Agenziji f'dan il-pajjiz u jinforma lill-Agenzija Appogg b'certifikat relattiv li l-istess konvenut aderixxa ruhhu ma' l-istess u dan b'permezz ta' komunikazzjoni bil-miktub hekk indirizzata lill-istess Agenzija, li min-naha taghha ghandha tipprezenta nota apposita fl-atti ta' din il-kawza, u ghal dan l-iskop tordna lill-attrici tinnotifika lill-Agenzija Appogg b'din id-decizjoni.

3. Tilqa' t-tielet talba u ghal kull effett u buon fini tal-ligi tiddikjara li l-konvenut iddekada minn sehmu fil-komunjoni ta' l-akkwisti.

4. Tilqa' r-raba' talba u tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti b'effett mid-data ta' din is-sentenza u *stante* li l-istess komunjoni m'ghandha l-ebda assi ta' valur, isegwi li allura ma hemm xejn x'jigi likwidat u diviz favur il-kontendenti.

5. Tapplika kontra l-konvenut id-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 48 tal-Kap 16** *in toto.*

6. Tiddikjara wkoll li l-konvenut ddekada mid-dritt ta' manteniment.

7. Tiddikjara li l-attrici u bint il-kontendenti Alexandra ghandhom id-dritt li jesigu l-hlas ta' alimenti minghand il-konvenut, pero' *stante* l-fatt li llum l-istess konvenut ma ghandu ebda introjtu ma hemm l-ebda ammont ta' alimenti x'jigi likwidat, ghalkemm jibqa' impregudikat id-dritt ta' l-attrici proprju u ghan-nom tal-minuri li tvanta tali dritt fil-futur jekk jirrizulta li l-istess konvenut ghandu mezzi idonei sabiex jhallas tali alimenti.

8. Tilqa' talba kontenuta fir-rikors ta' l-attrici datat 28 ta' Mejju 2003, u tawtorizzaha sabiex tirreverti ghal kunjom xbubitha u cjoe` "Muscat".

Bl-ispejjez kollha tac-citazzjoni attrici kontra l-konvenut.

Fir-rigward **kontro-talba tal-konvenut,** din il-Qorti ghall-istess motivi, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet ta' l-attrici rikonvenzjonata in kwantu l-istess huma kompatibli ma' din id-decizjoni, **tichad l-ewwel (limitatament ghall-aggravji tal-konvenut), it-tieni, t-tielet, u l-hames talbiet attrici, filwaqt li tilqa' r-raba' talba attrici,** kollox kif indikat f'din is-sentenza, b'dan illi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba fis-sens biss li ghandha tigi pronunzjata, kif gja giet pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, pero' din sehhet mhux ghar-ragunijiet imputabbli lill-attrici, kif allegat mill-konvenut, izda minhabba ragunijiet imputabbli lill-istess konvenut kawza ta' eccessi, mohqrija, ingurji gravi u theddid perpetrati mill-istess konvenut fil-konfront ta' l-attrici, u li kawza ta' l-istess il-hajja matrimonjali bejn il-kontendenti m'ghadhiex aktar possibbli u z-zwieg tkisser irremedjabbilment.

2. Tichad it-tieni *stante* li l-kura u l-kustudja tal-minuri Alexandra qed tigi fdata f'idejn l-istess attrici bi dritt ta' access tal-konvenut limitat u preskritt skond dak deciz fit-tieni talba attrici iktar 'il fuq f'din is-sentenza fuq ic-citazzjoni attrici.

3. Tichad it-tielet talba attrici b'dan li s-sanzjonijiet kontemplati fl-**artikolu 48 tal-Kap 16** m'ghandhomx japplikaw fil-konfront ta' l-attrici.

4. Tilqa' r-raba' talba bis-sens li tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti b'effett mid-data ta' din is-sentenza u *stante* li l-istess komunjoni m'ghandha l-ebda assi ta' valur, isegwi li allura ma hemm xejn x'jigi likwidat u diviz favur il-kontendenti.

5. Tichad il-hames talba peress li ma hemmx bzonn ta' nutar u kuratur *in vista* li ma saret ebda divizjoni u likwidazzjoni.

Bl-ispejjez ta' l-istess kontro-talba kollha a karigu ta' l-istess konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------